MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 166/1996/1

**Noel Curmi**

**v.**

**Charlie Galea u b'digriet tas-26 ta' April 2000 giet kjamata fil-kawza Mira Motors Ltd**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**
**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR</u>**

1. B'citazzjoni fl-ismijiet premessi, l-attur ippremetta illi fit-22 ta' Marzu 1996 sar ftehim ta' tpartit mal-konvenut fis-sens illi l-attur jassenja lill-attur karozza Toyota flimkien mas-somma ta' sitt elef u erba' mitt lira filwaqt illi l-attur jassenja lill-konvenut Isuzu Twin Cab gdid u illi ghal dan il-fini l-attur ta depozitu ta' hames mitt lira lill-konvenut; li l-konvenut m'onorax il-ftehim u ghalhekk l-attur talab lill-Qorti tipprefiggi zmien qasir u perentorju lill-konvenut sabiex jonora l-ftehim u fin-nuqqas taghti l-provvedimenti li jidhrilha xierqa inkluz il-hlas ta' penali ghal kull jum ta' nuqqas.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT U L-KONTUMACJA TAL-KLJAMAT FIL-KAWZA</u>**

2.1 Il-konvenut eccepixxa n-nuqqas ta' l-integrita` tal-gudizzju billi ma tharrkitx mart il-konvenut Rosemarie Galea u illi l-konvenut kien fl-impossibilita` li jesegwixxi l-konsenja tal-vettura Isuzu billi l-kumpanija *Mira Motors Limited* irrifjutat li tikkonsenja l-istess vettura lill-konvenut.

2.2 Jigi rilevat illi fil-mori giet ikkjamata fil-kawza l-istess socjeta` kummercjali Mira Motors Limited li baqghet kontumaci.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza moghtija fil-15 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, filwaqt illi laqghet l-ewwel talba ta' l-attur filwaqt li cahdet it-tieni talba tieghu, u pprovdiet li l-konvenut kellu jhallas l-ispejjez tal-kjamat in kawza, izda naqset milli taghti decizjoni favur jew kontra l-istess kjamat fil-kawza fil-mertu, ossia li tillibera l-istess kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju skond ma jkun il-kaz. Kwantu ghall-kumplament ta' l-ispejjez dik il-Qorti ordnat li dawn jithallsu kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT CHARLIE GALEA</u>**

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u minnha interpona appell fuq l-aggravju li gej:
"Illi l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-premessa illi l-obbligazzjoni *de quo agitur kienet*

*dipendenti mill-volonta` tal-konvenut li kellu s-setgha li jaghmilha indipendentement mill-agir tal-kjamata in kawza* milli jidher billi kif qalet l-istess Qorti Mira Motors ghalkemm irrifjutat li tissuplixxi vettura lill-konvenut biex dan jikkonsenjaha lill-attur offrietlu li tbieghlu l-vettura f'ismu stess (cioe` f'isem il-konvenut) imbaghad ovvjament il-konvenut kien ikun hieles jitrasferiha lill-attur.

"Illi bir-rispett kollu, xejn ma jregi l-argument li donnha qeghda taghmel l-ewwel Qorti li l-konvenut seta' xtara l-vettura u rregistraha f'ismu proprju biex imbaghad jitrasferiha lill-attur. Il-konvenut dahal ghan-negozju tal-part-exchange ma' l-attur fil-kapacita` tieghu ta' dealer tal-vetturi. Appena l-kjamata in kawza ma riditx taghmel iktar negozju mal-konvenut, huwa ovvju li l-konvenut kien fl-impossibilita` li jesegwixxi l-obbligazzjoni tieghu versu l-attur. Ma kienx possibbli ghall-konvenut li jixtri l-vettura f'ismu mbaghad jerga' jbieghha, ghax b'hekk jispicca jinkorri spejjez kbar u jitlef il-flus, u mhux jaqla'.

"Illi ghan-non-adempiment ta' l-obbligazzjoni tal-konvenut tahti biss il-kjamata fil-kawza."

Ghaldaqstant il-konvenut talab li dina l-Qorti:

" (1) tbiddel is-sentenza moghtija fil-15 ta' Ottubru 2002, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili, fl-ismijiet *Noel Curmi v. Charlie Galea u b'digriet tas-26 ta' April 2000 giet kjamata fil-kawza Mira Motors Limited (Citazzjoni Numru 166/96)* billi thassar il-kap li permezz taghha l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba ta' l-attur, u minflok tichad it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut u tikkundanna lill-kjamata fil-kawza sabiex tikkunsinna lill-attur tramite l-konvenut trakk ta' l-ghamla Isuzu Twin Cab gdid filwaqt illi tikkonferma l-kap fejn l-istess Qorti cahdet it-tieni talba ta' l-attur.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-kjamata in kawza ossia ta' l-attur appellat."

**<u>IR-RISPOSTA TA’ L-ATTUR APPELLAT GHALL-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

5. L-attur appellat wiegeb hekk:

“Illi s-sentenza appellata in kwantu laqghet l-ewwel talba tieghu hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

“Illi l-ftehim maghmul fit-22 ta’ Marzu 1996, huwa car. Il-konvenut huwa deskritt f’dak il-ftehim bhala s-sid li obbliga ruhu li jitrasferixxi lill-attur bit-tpartit ma’ vettura Toyota Corolla Coupe li giet stmata Lm6,400 (sitt elef u erba’ mitt lira Maltin), vettura Isuzu Twin Cab gdida. L-ewwel Qorti ghalhekk kienet gustifikata li tiddeciedi illi l-konvenut seta’ jesegwixxi l-obbligazzjoni tieghu indipendentement mill-agir ghal (sic) kjamata fil-kawza li <u>del resto</u> ma kinitx parti ghal dak il-ftehim u l-konvenut ma kienx jidher bhala rapprezentant taghha.

“Illi l-konvenut appellat ghamel hafna enfasi fuq ix-xiehda li ta Manfred Galea dwar it-tip ta’ negozju li kien ghaddej bejn Zammit Group u d-ditta AutoBahn. Izda dan it-tip ta’ informazzjoni huwa rrilevanti ghal kwistjoni odjerna, jekk inbiddlu l-affarijiet dan kien ghal riskju tal-konvenut li sadanittant kien sejjah lil inifsu (sic) s-sid u ghalhekk sakemm il-vettura kienet ghada ma gietx trasferita lill-attur, ir-riskju kien u baqa’ ghalih. Lanqas jista’ jinghad li minbarra l-bdil tal-mod kif bdew jinnegozjaw l-agenti f’Malta sar impossibbli ghalih li jadempixxi l-obbligazzjoni. Il-konvenut seta’ facilment mar xtara l-vettura u ttrasferiha lill-attur, bi qliegh inqas forsi izda in adempjenza ta’ l-obbligi minnu assunti f’imsemmija skrittura.

**<u>L-APPELL INCIDENTALI TA’ L-ATTUR</u>**

6.1 L-attur hassu aggravat ukoll mis-sentenza appellata in kwantu din ma laqghetx l-ewwel talba tieghu fl-interezza taghha u cioe` ma prefiggietx zmien qasir u perentorju f’liema kellha tigi esegwita l-obbligazzjoni tieghu kif ukoll meta cahdet it-tieni talba tieghu illi taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni inkluz il-hlas ta’ penali ghal kull gurnata ta’ nuqqas. L-attur appellat hass ruhu aggravat ukoll in kwantu ghal kap ta’ l-ispejjez fejn l-ewwel Qorti akkollat terz ta’ l-ispejjez lill-

istess attur u ghalhekk ipprevalixxa ruhu mill-appell principali u appella incidentalment.

6.2 L-aggravji ta’ l-attur huma s-segwenti:
“(1) L-ewwel Qorti naqset li tipprefiggi zmien qasir u perentorju f’liema l-konvenut kellu jesegwixxi l-obbligazzjoni tieghu. Dan id-dettall huwa importanti ghaliex jekk il-konvenut ma jinghatax terminu sabiex jesegwixxi l-obbligazzjoni dan jista’ jibqa’ indefinittivament inadempjenti u b’hekk is-sentenza appellata tigi facilment frustrata.

“(2) Huwa daqstant mehtieg li flimkien ma’ terminu sabiex il-konvenut jesegwixxi l-obbligiazzjoni tigi imposta penali sabiex l-istess sentenza tigi resa aktar effikaci. Ma kien hemm xejn straordinarju, u ssegwi mil-logika u d-dinamika ta’ din l-istanza li persuna li tigi ordnata tesegwixxi entro certu terminu jkollha wkoll is-sanzjoni sabiex l-obbligazzjoni tista’ tigi esegwita f’waqtha.

“(3) Illi din l-istanza giet imqanqla mill-agir illegali tal-konvenut u ghalhekk l-appellat ma ghandux jehel ebda parti mill-ispejjez ta’ din il-kawza li giet kagunata unikament tort tal-konvenut.”

Ghaldaqstant l-attur talab li din il-Qorti joghgobha tirrigetta l-appell principali bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat u li s-sentenza appellata tigi riformata billi tigi milqugha [recte: konfermata] kwantu laqghet l-ewwel talba ta’ l-attur u tigi riformata ghar-rigward ta’ l-istess l-ewwel talba billi jigi prefis lill-konvenut terminu qasir u perentorju f’liema ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni, tigi riformata billi tigi milqugha t-tieni talba ta’ l-attur u kwantu ghal kap ta’ l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza billi dawn ghandhom jigu “decizi” kontra l-konvenut appellat.

## <u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT APPELLANT GHALL-APPELL INCIDENTALI TA’ L-APPELLAT</u>

7. Ghal dan l-appell incidentali, il-konvenut wiegeb hekk:-
“Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet tieghu, liema eccezzjonjiet qieghed isostni fl-aggravji ta’ l-appell

principali tieghu, u li qieghed izomm fermi, il-konvenut qieghed inoltre jopponi ghall-appell incidentali, billi l-aggravji ivi dedotti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt billi:

"(1) *ad impossibilia nemo tenetur*: il-konvenut mhux f'posizzjoni li jbiegh il-vettura lill-attur, ghal ragunijiet li m'humiex fil-kontroll tieghu, kif spjegati minnu ferm tajjeb quddiem l-ewwel Qorti, u li ghalihom a skans ta' ripetizzjoni inutili qieghed jaghmel ampja referenza;

"(2) l-ebda Qorti ma tista' timponi penali minhabba morozita` kemm-il darba tali penali ma tkunx inkluza fi ftehim bejn il-partijiet kontendenti;

"(3) l-ewwel Qorti wahhlet terz mill-ispejjez lill-attur proprju minhabba li t-talbiet tieghu kienu in parte guridikament insostenibbli, ghar-ragunijiet fuq esposti;

"(4) Ili mhux minnu li l-istanza giet imqanqla minhabba l-agir illegali tal-konvenut; anzi, dik okkorriet tort ta' l-agir illegali tas-socjeta` kjamata fil-kawza li poggiet lill-konvenut fl-impossibilita` li jesegwixxi l-obbligazzjoni minnu assunta favur l-attur.

"Ghaldaqstant l-appell incidentali ghandu jigi michud; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur u l-kjamata in kawza."

8. Ghal kull buon fini tajjeb li jigi rilevat mhux biss li s-socjeta` kjamata fil-kawza Mira Motors Limited qeghda fi stat ta' kontumacja imma li l-appell incidentali li sar ad istanza ta' l-attur gie ddikjarat dezert – hekk ara digriet ta' din il-Qorti moghti fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2005 (fol. 22).

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### A Dwar l-Appell tal-Konvenut

9. In succint l-aggravju tal-konvenut appellant huwa dak li l-ewwel Qorti zbaljat meta rriteniet li huwa seta' xtara l-vettura de quo f'ismu proprju biex imbaghad jittrasferiha

lill-attur appellat. Dan hu hekk peress li l-appellant ghadu jinsisti li huwa “dahal ghan-negozju tal-<u>part-exchange</u> ma’ l-attur fil-kwalita` tieghu ta’ <u>dealer</u> tal-vetturi”. Ghalhekk, ikompli l-konvenut appellant, ghan-non-adempiment ta’ l-obbligazzjoni tal-konvenut tahti biss is-socjeta` kjamata fil-kawza, jigifieri, Mira Motors Limited.

10. Din il-Qorti, wara li rat u ezaminat l-atti kollha tal-kawza u hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija tal-fehma li l-appell principali fil-mertu, kif interpost mill-konvenut, huwa ghal kollox infondat. Ibda biex, jidher bic-car li ghal dak li jikkoncerna l-ftehim dwar il-bejgh tal-vettura Isuzu Twin Cab (ara Dok. A, a fol. 4 tal-process) liema ftehim hu datat it-22 ta’ Marzu 1996, il-partijiet kontraenti fih <u>huma biss tnejn</u>, jigifieri (l-attur) Noel Curmi bhala x-xerrej u (l-konvenut) Charlie Galea bhala l-bejjiegh. Fi kliem iehor, is-socjeta` kjamata fil-kawza ma ticcentra fih assolutament xejn u fil-fatt ma tissemma’ fih imkien. Ghalhekk meta l-konvenut appellant jinsisti li huwa kien qieghed jagixxi bhala intermedjarju (hu juza terminu generiku ta’ “dealer”) bejn l-attur u s-socjeta` Mira Motors Limited, tali pretensjoni ma hija sorretta minn ebda prova. Bil-fatt wahdu li fl-imghoddi il-konvenut gieli kkonduca negozju b’dan il-mod ma’ l-imsemmija socjeta` u kollox mexa harir qabel, ma jfissirx b’daqshekk li nholoq legam vinkolanti u dirett bejn l-attur u Mira Morots Limited. Lanqas ghandu ragun l-appellant meta jargumenta li darba li l-kjamata in kawza ma reditx taghmel iktar negozju mieghu bhax-xorta li hu gieli ghamel maghha in precedenza, allura dan kien ifisser li hu “kien fl-impossibilita` li jesegwixxi l-obbligazzjoni versu l-attur.” Proprjament is-socjeta` kjamata fil-kawza qatt ma rrifjutat li tforni l-vettura <u>de quo</u> direttament lill-konvenut. Dak li, invece, is-socjeta` Mira Motors Limited irrifjutat milli taghmel – ghal ragunijiet pertinenti ghaliha ta’ natura kummercjali – huwa li tigi mgeghla tbiegh direttament lill-attur appellat, ma liema hija ma kellha l-<u>ebda</u> ftehim jew obbligi kuntrattwali. Il-verita` ghalhekk hi li l-konvenut mhux minnu li gie f’impossibilita` ta’ ezekuzzjoni, imma li biex jattwa dak li ntrabat ghalih ma’ l-attur appellat x’aktarx kien ukoll ifisser li jitlef mill-qliegh li huwa kien ipprospetta ghalih. Imma ghal dan in-nuqqas ta’ kalkolu

f’dak li hu negozju intraprenditorjali certament ma kienx jahti l-attur, u min-naha l-ohra, lanqas is-socjeta` kjamata fil-kawza ma setghet tigi mgeghla li tinnegozja direttament ma’ l-attur. Kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti f’parti mis-sentenza appellata, l-obbligazzjoni in ezami “kienet dipendenti mill-volonta` tal-konvenut li kellu s-setgha li jaghmilha indipendentement mill-agir tal-kjamat in kawza, li jigi precizat, ma kienx parti mill-ftehim li kien fil-konfront tieghu res inter alios acta”.

Ghalhekk l-appell tal-konvenut huwa infondat u qieghed jigi respint.

**B Dwar l-Appell Incidentali ta’ l-Attur**

11. L-attur inqeda’ bl-appell tal-konvenut biex jintavola appell incidentali bi tlett aggravji diversi, jigifieri,

(1) li l-ewwel Qorti zbaljat meta naqset milli tipprefiggi zmien qasir u perentorju ghal fini ta’ l-ezekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni assunta mill-appellant konvenut;

(2) li ma kien hemm xejn straordinarju, anzi kien mehtieg li tigi imposta penali sabiex il-konvenut jesegwixxi l-obbligazzjoni minnu assunta, u kwindi tali talba messha giet ukoll milqugha; u

(3) li l-vertenza de quo tqanqlet minhabba l-agir zbaljat tal-konvenut u, kwindi, l-attur ma kellu jehel ebda parti mill-ispejjez.

12. Kif gia` nghad supra (ara para 8) l-appell incidentali interpost mill-attur gie ddikjarat dezert. Konsegwentement, din il-Qorti m’hijiex sejra tiehu konjizzjoni ta’ l-aggravji mressqa mill-attur.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-appell tal-konvenut, tikkonferma s-sentenza appellata, b’dana li kwantu ghall-kap ta’ l-ispejjez, dawk relativi ghall-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif hemm deciz; dawk relativi ghall-appell incidentali ta’ l-attur jibqghu a karigu ta’ l-attur; filwaqt li l-ispejjez relativi ghall-appell tal-konvenut, li gie

respint, ghandu jbatihom interament l-istess konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------